MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## DAVID SCICLUNA

Seduta tat-8 ta' Ottubru, 2004

Citazzjoni Numru. 1110/1993/1

**Pierre Camilleri**

**vs**

**Vincent Busuttil**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fis-17 ta' Awissu 1993 li permezz taghha l-attur wara li ppremetta:

Illi bi ftehim ta' appalt datat 26 ta' Awissu 1991 (Dok PC1) il-konvenut intrabat li jkompli jezegwixxi lill-attur diversi xoghlijiet kif elenkati fl-istess ftehim sa mhux aktar tard mill-10 ta' Jannar 1992 (klawsola 6) u dan bil-prezz komplessiv ta' tnax il-elf tliet mija u zewg liri Maltin (Lm12,302);

Illi l-partijiet ftehmu wkoll li f'kaz li l-konvenut ma jlestix ix-xoghlijiet sal-10 ta' Jannar 1992 huwa jehel penali ta' ghaxar liri Maltin (Lm10) kuljum sat-terminazzjoni tal-istess xoghlijiet;

Illi l-konvenut baqa' ma lestiex ix-xoghlijiet miftehma u abbanduna l-appalt u fis-16 ta' Marzu 1992 u l-attur gie kostrett jaghti l-kumplament tal-appalt lil terzi;

Illi l-attur kien lahaq hallas lill-konvenut minhabba l-appalt is-somma komplessiva ta' ghaxart elef mija u tmienja u sittin lira (Lm10,168) mentri l-valur tax-xoghol ezegwiti minnu sad-9 ta' Awissu 1991 kien biss ta' erbat elef erba' mija disgha u disghin lira (Lm4,499) kif jirrizulta mic-certifikat peritali Dokument PC2 filwaqt li sal-abbandun tal-appalt ezegwixxa xoghol ulterjuri ghal valur ta' mija u tmenin lira (Lm180) u kwindi ghandu jirrifondi lill-attur is-somma ta' hamest elef erba' mija disgha u tmenin lira (Lm5,489) imhallsa zejda;

Illi l-konvenut ghandu jhallas lill-attur ukoll il-penali li ddekorra mill-10 ta' Jannar 1992 sal-15 ta' Marzu 1992, data li fiha abbanduna l-appalt ammontanti ghal sitt mija u hamsin lira (Lm650);

Illi inoltre l-attur kellu jhallas lil terzi in eccess tas-somma miftehma mal-konvenut sabiex isiru l-istess xoghlijiet li l-konvenut ma lestiex is-somma ta' elf disgha mija seba' u disghin lira u sitta u sittin centezmu (Lm1,997.66,0);

Talab li din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut:

1. Ihallas lill-attur is-somma ta' hamest elef erba' mija disgha u tmenin lira (Lm5,489) imhallsa lilu indebitament minhabba x-xoghlijiet kontenuti fl-appalt fuq riferit li baqghu ma gewx ezegwiti;
2. Ihallas lill-attur is-somma ta' sitt mija u hamsin lira Maltin (Lm650) konsistenti f'penali bir-rata ta' ghaxar liri Maltin (Lm10) kuljum ghall-perjodu mill-10 ta' Jannar 1992 sal-15 ta' Marzu 1992 prevja d-dikjarazzjoni li x-xoghlijiet imsemmija fl-appalt in kwistjoni ma kinux tlestew mill-konvenut sal-15 ta' Marzu 1992;

3. Ihallas lill-attur is-somma ta' elf disgha mija seba' u disghin lira u sitta u sittin centezmu (Lm1,997.66,0) rapprezentanti l-hlas zejjed kif fuq spjegat sborsat mill-attur lil terzi sabiex jigu ezegwiti l-istess xoghlijiet miftehma mill-attur u l-konvenut prevja d-dikjarazzjoni li l-istess konvenut abbanduna l-appalt in kwistjoni.

Bl-ispejjes komprizi dawk tal-ittra legali datata 16 ta' Marzu 1992, l-ittra ufficjali datata 10 ta' Gunju 1993 u l-mandati ta' sekwestru (numru 3244/93) u tal-impediment tas-safar (numru 3243/93) u bl-imghax kummercjali fuq is-somma kollha mitluba fit-tliet talbiet mill-10 ta' Gunju 1993 sad-data tal-pagament effettiv;

Il-konvenut gie ngunt ghas-subizzjoni;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn qal:

1) Illi l-ewwel talba attrici ghar-rifuzjoni tas-somma ta' LM5,489 hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u timmerita illi tigi respinta stante illi, kif ser jigi ppruvat aktar dettaljatament fil-kors tal-kawza, il-valur tax-xoghlijiet ezegwiti mill-esponent sad-data illi fiha l-kuntratt tal-appalt gie tterminat mill-attur, jeccedi l-valur imsemmi fic-certifikat peritali ezebit bhala Dokument PC2.

2) Illi, inoltre, l-esponent ma ghandux jigi kkundannat ihallas l-ammont ta' penali pretizi fit-tieni talba attrici ghad-dewmien allegat mill-attur, liema dewmien kien attribwibbli biss lill-konvenut, u, fit-tieni lok, il-kuntratt ta' appalt gie tterminat abuzivament mill-attur, kif ser jigi ppruvat aktar dettaljatament fil-kors tal-kawza.

3) Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talba ghall-hlas ta' penali tippreskludi lill-attur milli javvanza xi talba ohra ghall-hlas ta' danni allegatament sofferti minhabba xi inadempjenza illi ghaliha l-istess attur ikun gja gie pjenament rizarcit bil-hlas tal-penali.

4) Salv eccezzjonijiet ohra u b'rizerva ghal kwalsiasi dritt ta' azzjoni ghad-danni jew azzjoni ohra spettanti lill-esponent kontra l-attur skond il-ligi;

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-kontendenti u l-listi tax-xhieda taghhom;

Rat id-digriet tal-25 ta' Jannar 1994 li permezz tieghu gie nominat l-Avukat Dottor Philip Sciberras bhala perit legali bl-assistenza teknika ta' l-A.I.C. David Pace biex ifittxu u jirrelataw dwar il-fondatezza tad-domandi attrici, wara li jiehdu konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet, u jaghmlu l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-kaz;

Rat ir-relazzjonijiet tal-periti gudizzjarji debitament mahlufa;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;
Ikkunsidrat:

Mill-provi jirrizulta li l-attur kien ta appalt lill-konvenut biex jesegwixxi diversi xoghlijiet fil-proprjeta` tieghu f'San Pawl tat-Targa. Il-ftehim originali sar fil-5 ta' Novembru 1990 (Dok. A u B a fol. 8 sa 12) izda saru addizzjonijiet sussegwenti (Dok. C sa E a fol. 13 sa 17) sakemm kollox gie inkorporat fi ftehim finali datat 26 ta' Awissu 1991 (Dok. PC1 a fol. 5). Minn hawn jirrizulta li l-prezz totali tax-xoghlijiet kellu jkun ta' Lm12,302 (cioe` Lm11,932 flimkien mas-somma ta' Lm370 ghal xoghljiet "extra"). Dan il-ftehim jistabilixxi certi kundizzjonijiet u jistipula *inter alia* li fin-nuqqas li x-xoghol isir fil-perijodu msemmi fl-istess ftehim, il-kuntrattur, jigifieri l-konvenut, kien ikollu jhallas penali ta' ghaxar liri (Lm10) kuljum. Il-konvenut ma kkompletax ix-xoghol kif miftiehem u anzi, kif jghid l-attur, il-konvenut sahansitra abbanduna l-appalt. Ghalhekk gew istitwiti dawn il-proceduri.

L-attur jelenka l-pretensjonijiet tieghu fil-prospett (Dok. PC4 a fol. 73 u 73) minnu esebit fis-seduta peritali tas-16 ta' Mejju 1994. Dan il-prospett jindika li, filwaqt li l-attur hallas lill-konvenut is-somma komplessiva ta' Lm10,168, il-valur tax-xoghol esegwit jammonta biss ghal Lm4,679 biex b'hekk jippretendi rifuzjoni tas-somma ta' Lm5,489. Inoltre, billi l-attur qabbad lil terzi biex jikkompletaw ix-xoghol, skond l-istess prospett gie li hallas zejjed is-

somma ta' Lm1,997.66, liema somma jippretendi wkoll rifuzjoni taghha. Dan kollu apparti l-penali li, skond it-talba tieghu fic-citazzjoni tammonta ghal Lm650.

Ix-xoghol li fl-imsemmi Dok. PC4 hu indikat li gie esegwit qabel ma gie ffirmat il-ftehim Dok. PC1 huwa bazat fuq ic-certifikat rilaxxjat mill-A.I.C. Godwin Zammit (Dok. PC2 a fol. 19 sa 22). It-tqassim tal-valuri tax-xoghlijiet individwali li flimkien jiffurmaw l-appalt li kien inghata l-ewwel darba gie accettat bhala korrett mill-konvenut (wara li originarjament kien anke kkontesta dan) izda baqa' jikkontesta l-likwidazzjoni tal-persentaggi tax-xoghol esegwit. Dwar dan, il-perit tekniku jaghmel is-segwenti osservazzjonijiet:

"**15)** Dwar dan fl-affidavit tieghu l-konvenut qal illi ma jaqbilx ma’ l-istima tax-xoghol ta’ l-elettriku, pero` ma ta l-ebda dettalji ta’ x’kien skond hu l-ammont ta’ xoghol illi kien lahaq sar u kemm kien qed jippretendi li sar valur ta’ xoghol f’dan il-parti tal-kuntratt. [Dwar] il-valur illi l-Perit attribwixxa ghax-xoghol tal-*bedding* illi sar qabel ma kellu jitqieghed il-madum, il-konvenut qal illi ma setax jiehu konjizzjoni l-Perit tax-xoghol illi kellhom jaghmlu wara illi l-bennejja telqu mill-post. Ghal darb’ohra pero` l-konvenut ma ressaq l-ebda provi sabiex jikkontesta l-konkluzjoni tal-Perit Zammit dwar dan ix-xoghol.

**16**) Xoghol iehor illi kkontesta t-tqassim u l-valutazzjoni tal-Perit Zammit il-konvenut kien ghal *pointing, painting,* u *rendering* u dana sostna illi mill-kmamar kollha tal-fond kien jonqos biss kcina, garaxx u *washroom,* u cioe` ghaxra fil-mija (10%) tax-xoghol. L-esponent dwar dan josserva illi in kwantu ghall-kmamar li kien fadal hemm qbil bejn il-Perit Zammit u l-konvenut ghaliex it-tnejn jaqblu illi kien fadal biss il-kcina, il-garaxx u l-*washroom.* Il-konvenut jattribwixxi l-arja ta’ dawn it-tlett ambjenti ghal ghaxra fil-mija (10%) tax-xoghol waqt illi l-Perit Zammit jattribwixxi dan ix-xoghol ghal tnejn u ghoxrin fil-mija (22%) fil-kaz tal-*pointing* u *painting* u tlettax fil-mija (13%) fil-kaz tar-*rendering.* L-esponent ghalhekk jidhirlu illi fic-cirkostanzi ghandu jaddotta rata medja ta’ sittax fil-mija (16%) fl-ewwel kaz u ta’ tnax fil-mija (12%) fit-tieni kaz illi

jaghtu valuri rispettivi ta’ erbgha u tmenin fil-mija (84%) tax-xoghol lest fl-ewwel parti u ta’ tmienja u tmenin fil-mija (88%) tax-xoghol lest fit-tieni parti, tradotti fi flus dawna jammontaw ghal cifri ta’ seba’ mija u sitta u hamsin lira Maltija Lm756) ghall-ewwel xoghol u ta’ erba’ mija u tnejn u ghoxrin lira Maltija (Lm422) ghat-tieni xoghol.

**17**) Punt iehor illi kkummenta dwaru l-konvenut fl-affidavit tieghu kien il-valur ta’ l-aperturi ta’ l-*aluminium.* Huwa jallega illi l-valur ta’ dana x-xoghol kien hafna anqas mill-valur stmat mill-Perit u minbarra dan huwa ccita x-xhieda mnejn jirrizulta illi huma thallsu depozitu ta’ hames mitt lira Maltin (Lm500) illi skond hu ma gewx ikkonsidrati mill-Perit. Dwar dan ghandu jinghad illi ghal darb’ohra gie accettat illi l-evalwazzjoni tal-Perit Zammit in kwantu ghat-tqassim tal-valuri rispettivi biex jispezzettaw l-ammont globali ta’ l-appalt kien korrett u allura l-valur li l-istess Perit Zammit attribwixxa ghall-aperturi ta’ l-*aluminium* ghandu jitqies bhala korrett. Inoltre ma ghandux rilevanza l-fatt illi l-konvenut hallas hames mitt lira Maltin (Lm500) ghaliex huwa accertat illi x-xoghol ma giex esegwit u ma ghandux rilevanza fil-kaz illi thallsu hames mitt lira Maltin (Lm500) akkont ghaliex *se mai* dana biss jincidi fuq it-talba ta’ l-attur illi hallsu hames mitt lira Maltin (Lm500) u taghhom ma ra ebda xoghol u kwindi hemm il-lok illi l-konvenut jirrifondi dawn il-flus lill-attur.”

Fid-dawl ta' dan kollu l-perit tekniku kkonkluda li hemm lok ta' riduzzjoni tas-somma mitluba mill-attur ta' Lm5,489 ghal Lm5,431.

Dwar l-ammont li l-attur jghid li hallas zejjed, jirrizulta li filwaqt li l-valur totali ta' l-appalt kellu jkun ta' Lm12,302, huwa gie li hallas zejjed l-ammont ta' Lm2,055.66. Difatti l-valur tax-xoghlijiet imwettqa mill-konvenut kien ta' Lm4,737 filwaqt li x-xoghlijiet imwettqa minn terzi kien ta' Lm9,620.66 (Dok. PC3 u Appendici I sa R).

Rigward il-penali, jirrizulta li l-provi tal-konvenut jittrattaw l-aktar din il-kwistjoni peress li huwa jikkontendi li d-dewmien kien unikament dovut ghan-nuqqasijiet ta' l-attur.

Il-perit tekniku jaghmel dawn il-konsiderazzjonijiet f'dan ir-rigward:

"**33)** Mill-provi prodotti l-esponent huwa tal-fehma illi kien hemm certament nuqqas ta’ impenn da parti tal-konvenut sabiex ix-xoghol jigi esegwit ai termini ta’ l-appalt u li sar dewmien illi ma kienx accettabbli. Dina wasslet sabiex l-attur wara diversi interpellazzjonijiet ghamel appalt gdid u fiha dahhal klawsola fejn giet stabbilita penali illi dan ma kienx sar fl-ewwel appalt. Dana jindika illi d-dewmien kien qed jippreokkupa lill-attur tant illi nsista illi ssir dina l-klawsola. Hemm ukoll il-fatt illi wara li sar it-tieni ftehim suppost illi l-maggior parti tad-diffikultajiet li kkawzaw id-dewmien illi semma’ l-konvenut u cioe` l-problema tal-provvista tad-dawl u ilma u xoghlijiet zejda li kien sab meta kien beda x-xoghol kienu diga` gew sorvolati u ghalhekk ma kien hemm ir-raguni illi jkun hemm daqshekk dewmien. L-esponent jinnota illi sa mill-14 ta’ Jannar 1992 il-konvenut kien qajjem il-problema li skond hu kienet dwar it-tqeghid tal-madum minhabba l-fatt illi kien hemm il-kwistjoni ta’ min kien ser jipprovdi z-zewg tankijiet ta’ l-ilma. Kien hemm ukoll fl-istess ittra l-fatt illi skond hu l-atturi ma kinux ghadhom tawh risposta dwar l-invjar tal-hajt tal-faccata tal-*boundary wall.* Pero` f’ittra responsiva tal-konsulent legali tal-konvenut ghall-ittra tat-terminazzjoni ta’ l-appalt tas-16 ta’ Marzu 1992 da parti ta’ l-attur regghu ssemmew illi l-uniku xoghlijiet li kien fadal kien biss it-tqeghid tal-madum u x-xoghol fuq il-fil fuq il-faccata illi dana kellu jsir wara li tlesta l-invjar. Ghalkemm ingiebet ir-raguni illi l-invjar kellu jsir mill-attur u ghalhekk ix-xoghol tal-fil ma setax jinbeda, ma inghatat l-ebda raguni ghaliex sa xahrejn wara illi kien hemm il-kwistjoni tat-tankijiet il-madum ta’ gewwa ma kienx ghadu tqieghed.

**34**) Ghalhekk jidher illi kienu ragunijiet gustifikati illi l-attur jittermina l-kuntratt ghaliex kien jidher car illi kien hemm dewmien mhuwiex gustifikat da parte tal-konvenut. Jidher mix-xhieda ta’ Anthony Cauchi illi fost ix-xoghlijiet illi ghamel wara li dahal fuq ix-xoghol tal-konvenut kien it-tqeghid tat-tankijiet ta’ l-ilma, kif ukoll il-kumnikazzjoni taghhom `l isfel. Jidher ghalhekk illi x-xoghol ta’ l-ilma lanqas kien ghadu mwassal sat-tankijiet. Del resto l-

esponent jidhirlu illi l-fatt illi ma hemmx it-tankijiet mhijiex raguni gustifikata sabiex ma jsirux it-testijiet fuq il-kanen ta' l-ilma qabel ma jigu mirduma taht il-madum. Hemm diversi metodi biex wiehed jippressa l-kanen u ghalhekk ir-raguni illi ta l-konvenut ghall-inadempjenza tieghu ghar-rigward ta' dan ix-xoghol mhuwiex gustifikat fil-fehma ta' l-esponent.

**35**) Pero` fir-rigward tal-kwistjoni ta' l-invjar billi ma nghatatx raguni sufficjenti ghaliex din il-kwistjoni ma kenitx giet determinata l-esponent ihoss illi hemm raguni valida biex jiggustifika t-tnaqqis mill-penali illi huwa "*arbitrio boni viri"* qieghed jirriduci mija u hamsin liri Maltin (Lm150) sabiex il-penali imposta mill-attur tigi ridotta ghal hames mitt lira Maltin (Lm500)."

Din il-Qorti, wara li ezaminat il-provi migjuba mill-partijiet, hi tal-fehma li, salv dak li ser jinghad, l-apprezzament li l-perit tekniku ghamel tal-provi hi wahda korretta. Fejn din il-Qorti ma taqbilx jirrigwarda l-ammont likwidat mill-perit tekniku bhala dak imhallas zejjed peress li l-Qorti ma tistax *marte proprio* zzid l-ammont attwalment pretiz fic-citazzjoni. Ghalhekk l-ammont li talvolta ghandu jigi rifuz lill-attur huwa dak mitlub minnu fic-citazzjoni, u cioe` l-ammont ta' Lm1,997.66. Pero` l-konvenut jghid fit-tielet eccezzjoni tieghu li t-talba ghall-hlas ta' penali tipprekludi lill-attur milli javvanza xi talba ohra ghall-hlas ta' danni allegatament sofferti minhabba xi inadempjenza illi ghaliha l-istess attur ikun gja` gie rizarcit pjenament bil-hlas tal-penali. Dwar dan il-punt il-perit legali ssottometta hekk:

"(13) Stabbilit il-premess jifdal li tigi konsiderata l-materja rigwardanti l-penali u jekk din il-materja tincidix fuq l-aspett avvanzat fit-tielet eccezzjoni tal-konvenut, dik, cioe`, jekk talba ghall-hlas tal-penali tipprekludix lill-attur javvanza talba ghall-hlas tad-danni allegatament sofferti minhabba inadempjenza.

(14) Indiskutibilment 'il termine, anche quando non e` essenziale per la natura del contratto, e` pur sempre una delle condizioni piu` importanti nella formazione del

vincolo contrattuale' – 'Andrea Scicluna vs. Giorgo J. Turnbull, noe.' App. Kumm. 11 ta' Frar 1921).

In effetti l-ligi taghna tiddistingwi bejn l-obbligazzjoni li kellha tigi ezegwita f'certu zmien (Artikolu 1130 (1) Kodici Civili) u obbligazzjoni li ghall-ezekuzzjoni taghha ma jkunx gie miftiehem ebda terminu (Artikolu 1130 (2) Kapitolu 16).

(15) L-Artikolu 1131 jissokta jghid illi 'd-debitur hu obbligat ukoll ghall-hlas tad-danni jekk il-haga li hu jkun intrabat li jaghti jew li jaghmel ma setghatx tigi moghtija jew maghmula hlief f'certu zmien, u hu jkun halla jghaddi dak iz-zmien.'

(16) Naturalment, fil-waqt li l-konvenut certament jirrikonoxxi jew hu konsapevoli ta' din in-norma tal-ligi, b'danakollu jargomenta fl-eccezzjoni tieghu illi galadarba giet pattwita l-penali, kull hlas li jista jigi akkordat dwaru jipprekludi lill-parti li tinvoka l-hlas tal-penali milli agguntivament tirreklama d-danni.

(17) Jinsab ritenut illi per regola l-penali stipulata bejn il-partijiet hija klawsola li tirrapprezenta d-danni preventivament likwidati minhabba non-ezekuzzjoni tal-obbligazzjoni. (Vol. XXXIV p. II p.907 in re 'Negte Ant. Tabone, noe. vs. Neg. Jos. Caruana'). Ovvjament, il-partijiet jistghu jistipulaw b'mod esplicitu penali u danni.

(18) Ir-regola suesposta hija riaffermazzjoni tal-kliem tal-ligi li ssostni li l-kreditur, intiz f'sens ampju, 'ma jistax jitlob il-haga principali u l-penali flimkien' (Artikolu 1120 (3) Kodici Civili). Imma dan il-provvediment ma jiqafx hawn in kwantu jaghmel eccezzjoni bl-aggunta 'hlief meta l-penali tkun giet miftehma ghad-dewmien biss '. ('Geraldo Vella vs. Av. Dr. J. Fenech Adami, noe.' u Vol. XLI p. 1108).

Fil-kaz taht konsiderazzjoni l-penali giet miftehma ghad-dewmien biss u cioe` 'fin-nuqqas li x-xoghol isir fil-perijodu msemmi'. Minn dan, u mit-test tal-ligi, jitnissel li l-kreditur huwa ntitolat jitlob flimkien il-haga principali kif ukoll il-

penali jekk din tigi stipulata ghas-semplici ritard, kif m'hemmx dubbju li giet hekk miftehma fil-kaz prezenti.

(19) Stabbilit il-punt illi 'huwa lecitu l-patt tal-penali u tar-risarciment tad-danni flimkien' ('Rosario Merola, pro. et noe. Vs. Salvatore Caruso' riportata a Vol. XXIX p. I p. 106), jinsorgi b'konsegwenza l-ezami ta' dak stabbilit fl-Artikolu 1122 tal-Kodici Civili.

Dan il-provvediment jistabilixxi illi l-Qorti ma tistax tnaqqas jew ittaffi l-penali hlief fil-kazijiet hemm specifikati u cioe`:-

(a) jekk id-debitur ikun ezegwixxa bicca mill-obbligazzjoni, u l-kreditur ikun accetta espressament il-bicca li giet esegwita jew

(b) meta jitqiesu c-cirkostanzi partikolari tal-kreditur il-bicca ezegwita tkun bic-car swietlu.

Fir-rigward isiru riferenzi ghad-decizjonijiet fl-ismijiet 'George Agius vs. Adelina Ranieri, et', Prim'Awla, 27 ta' Frar 1941, 'Nazzareno Grech vs. Mary Farrugia , et', Qorti Kummerc, 7 ta' Dicembru 1948; 'Giuseppi Farrugia vs. Mary Rose Busuttil', Appell Civ. 11 ta' Dicembru 1978.

Tajjeb li jigi puntwalizzat illi fit-tieni ipotesi prospettata fl-Artikolu 1122(b) 'ebda tnaqqis ta' penali ma jista' jsir jekk id-debitur, meta ntrabat ghall-penali, ikun irrinunzja espressament ghal kull tnaqqis jew jekk il-penali tkun giet miftehma ghad-dewmien biss.'

(20) Fil-fehma ta' l-esponenti l-kaz in disamina jinkwadra ruhu fl-ewwel ipotesi billi l-konvenut kien ezegwixxa parti mill-obbligazzjoni. Konsegwentement jiskatta dak mahsub fis-subinciz (2) ghall-Artikolu 1122, u fuq l-awtorita` tas-sentenzi citati, l-piena ghandha tigi moderata jew modifikata.

In effetti l-perit tekniku, ghalkemm ma ghamel l-ebda riferenza ghat-test tal-ligi, adopera l-buon sens u tenut rigward tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, agixxa bhala 'bonum vir' meta rriduca l-pretensjoni tal-penali minn Lm650 ghal

Lm500. Din hi konkluzjoni ragonevoli anke jekk jittiehed rigward ghal dak stabbilit ‘ope legis’ u cioe` riduzzjoni 'fil-proporzjon tal-parti tal-obbligazzjoni li tkun baqghat mhux esegwita'."

Din il-Qorti taqbel pjenament mas-sottomissjonijiet tal-perit legali li ghamel analizi korretta tal-ligi u l-applikazzjoni taghha ghall-fatti odjerni u m'ghandha xejn aktar x'izzid maghhom.

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi:

(1) Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' hamest elef erba' mija wiehed u tletin liri Maltin (Lm5,431) imhallsa lilu indebitament minhabba x-xoghlijiet kontenuti fl-appalt fuq riferit li baqghu ma gewx esegwiti;

(2) Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' hames mitt liri maltin (Lm500) konsistenti f'penali bir-rata ta' ghaxar liri Maltin (Lm10) kuljum;

(3) Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' elf disa' mija sebgha u disghin liri Maltin u sitta u sittin centezmi (Lm1,997.66) rapprezentanti l-hlas zejjed kif fuq spjegat zborzat lil terzi sabiex jigu esegwiti l-istess xoghlijiet miftehma mill-attur u l-konvenut.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut salv dawk relattivament ghat-tieni talba li jithallsu kwantu ghal kwart mill-attur u tliet kwarti mill-konvenut, u bl-imghax mid-data tan-notifika tac-citazzjoni lill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------